MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru 76/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Josef Friggieri, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-28 ta'
novembru, 1983
u
Mario Gauci, iben Mariano,
imwieled Pieta' fit-8 ta' marzu, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fis-6 ta' settembru, 2002 għal ħabta tal-10.30 p.m. f'Birżebbuġa, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Charles Butler, Frank Butler u Clive Butler f'perikolu ċar, ikkaġunaw offiża fuq il-persuna ta' l-istess Charles Butler, Frank Butler u Clive Butler liema offiża ġġib mankament jew sfreġju, jew ferita 'per durata', kif

iċċertifikaw Dr. Corin Caruana Galizia M.D., Dr. A. Camilleri M.D. u Dr. Wojtec Sawinski ta' l-isptar San Luqa;
2. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kisru il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-għajjat u bil-għlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi iżda l-'parte civile' għażlu li ma joffrux ix-xhieda tagħhom peress li jistgħu jinkriminaw ruħhom.

Illi f'dan il-każ mhemm ebda prova oħra li tista' titfa dwal fuq dak li ġara.

Għaldaqstant, minħabba nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------